# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru . 2295

Kaz Nru: 2870 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Raphael Bourgeois

u

Eden Hospitality Ltd (C35719)

Illum: 3 ta' Lulju, 2014

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr Matthew Saliba fis-7 ta' Jannar 2011 f'isem ir-rikorrenti Raphael Bourgeois.

Fir-rikors ir-rikorrent tenna li l-kumpanija temmet l-impjieg tieghu wara li skada z-zmien ta' prova ta'sitt (6) xhur b'effett immedjat u minghajr l-ebda raguni fit-12 ta' Novembru, 2010, bi hmistax (15) il-gurnata avviz. Ir-rikorrent kien gie mpjegat fil-5 ta' April, 2010, fuq kuntratt definit ta' sentejn bhala 'Rooms Divisions Manager' b' sitt (6) xhur zmien ta' prova. Ir-rikorrent qed issostni li l-agir tas-socjeta' ntimata jammonta ghal terminazzjoni mill l-impjieg ghal ragunijiet mhux gustifikati skond il-ligi u ghaldaqstant peress li r-rikorrent kien impjegat fuq kuntratt definit ta' sentejn u kien ghad fadal sbatax il-xhar sakemm jiskadi, s-socjeta ntimata ghandha thallas lir-rikorrent tmien xhur u nofs paga skond artiklu 36(II) ta' Kap.452 tal-ligijiet ta' Malta u kull provediment iehor li t-Tribunal jidhirlu xieraq.

Da parti taghha s-socjeta' ntimata b'risposta ghar-rikors tar-rikorrent wiegbet kif gej fuq tlett binarji:

(a) Preliminarjament, in-nullita tal-proceduri odjerni stante' li r-rikorrent kien assenti mill-gzejjer Maltin meta gie ntavolat ir-rikors promotur.
(b) Illi l-impjieg tar-rikorrent gie terminat waqt il-perjodu ta' prova u ghaldaqstant hu evidenti li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati u ghandhom jigu michuda.
(c) Illi wkoll is-socjeta ntimata kellha raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi sabiex tittermina l-impjieg tar-rikorrent.

It-Tribunal ma laqghax l-ewwel ecezzjoni (a) hawn fuq imsemmija u kompla bil-proceduri.

**Fatti**

Ir-rikorrent gie mpjegat mas-socjeta' ntimata fil-5 ta' April, 2010, fuq kuntratt definit ta' sentejn bhala 'Rooms Divisions Manager', b'sitt (6) xhur zmien ta' prova u gie tterminat fit-12 ta' Novembru 2010 (Dok DVI-ETC form). Il-kuntratt tax-xoghol datat 24 ta' Frar, 2010 gie ffirmat mir-rikorrent fid-9 ta' April, 2010 u kien jispecifika sitt xhur (6) zmien ta' prova mill-1 ta' April 2010 ta' 30 ta' Settembru 2010 (Dok A). Ghas-socjeta' ffirma s-Sur Giuseppe Vincelli – General Manager.

Fit-30 ta' Settembru, l-ahhar gurnata ta' zmien ta' prova skond il-kuntratt, Vincelli kiteb lir-rikorrent (Dok DV5) li l-impjieg kien qed jigi tterminat béffett immedjat. Fl-ittra s-socjeta' offriet li taghti lir-rikorrent xahar salarju u hlas ta' sbatax (17) il-gurnata leave pendenti.

Fl-4 ta' Ottubru, 2010, b'referenza ghal-laqgha li kienet saret fit-30 ta' Settembru, 2010, Vincelli kiteb lir-rikorrent li kien gie deciz li z-zmien ta' prova kien se jigi estiz bi tlett (3) xhur sal-5 ta' Dicembru, 2010 (Dok DV7).

B'risposta ghal l-ittra ta' Vincelli r-rikorrent kitiblu lura (Dok DV8) ukoll fl-4 ta' Ottubru, 2010. Ir-rikorrent qal lil Vincelli li haseb fuq il-laqgha li kellhom fit-30 ta' Settembru, 2010 u li nnota bis-serjeta' l-punti kollha li tkellem fuqhom. Qal li nvolva ruhu hafna 'fl-operations' ghax hass li kien hemm bzonn li hafna affarijiet jigu riveduti u li issa dawn huma f'posthom u m'hemmx iktar bzonn li jharreg iktar il-managers u li kien wasal iz-zmien li jizviluppaw wahedhom. Huwa kompla billi qal li nvolva ruhu wisq 'fl-operations' u li realizza li kien qed jaghaddi messaggi wisq diretti. Illi issa wara sitt xhur kien sar jaf sew 'l-operations' u li se jkollu aktar hin biex jahdem vicin, u jimmotiva 't-team'. Huwa wkoll stqarr li jrid ittejjeb il-komunikazzjoni mal-Executive Committee biex jiehu aktar informazzjoni mill l-esperjenza taghhom halli juzha fid-dipartiment tieghu.

Ukoll fl-4 ta' Ottubru, 2010, Vincelli kiteb lil David Vella – Director Human Resources, biex johrog ittra bhala addendum ghal kuntratt tar-rikorrent rigward l-estenzjoni taz-zmien ta' prova bi tlett (3) xhur. Kien ikkupjat ukoll Albert Galea – Financial Controller (Dok DV9).

Fis-27 ta' Ottubru, 2010, Galea kiteb lil Vincelli (Dok DV10) biex is-sitwazzjoni tar-rikorrrent terga tigi valutata ghaliex ma kienx jidher li kien hemm meljorament.

Fit-12 ta' Novembru, 2010, Vincelli kiteb lir-rikorrent li l-impjieg kien qed jigi terminat béffett immedjat waqt iz-zmien ta' prova. Is-socjeta fl-ittra taghat gimghatejn notice li kien qed jigi kopert bil-balanc tal-leave kif xtaq ir-rikorrent u l-bqija tal-leave kien se jigi mhallas bhala parti mill-'full and final settlement' pagament.

Fit-30 ta' Novembru, 2010, is-socjeta' hallset is-somma ta' €4,143.57 lir-rikorrent bhala 'full and final settlement'.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu r-rikorrent, David Vella – Director HR (EHL), Gilbert Schembri – Ex-Front Office Manager (EHL), Josephine Aquilina – Senior Supervisor (EHL), Brenda Borg – Assistant Front Office Manager (EHL), Marika Turner – Housekeeping Officer (EHL), Giuseppe Vincelli – General Manager (EHL) u Alphonse Cauchi – Head of Security, Airmalta plc.

**Konsiderazzjonijiet**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk it-tkeccija kienetx wahda gusta fic-cirkostanzi tal-kaz fuq tlett allegati ragunijiet minn naha tas-socjeta' li huma (a) in-nullita tal-proceduri ghaliex ir-rikorrent ma kienx Malta meta gie ntavolat il-kaz; (b) illi l-impjieg gie terminat waqt iz-zmien ta' prova u allura skond il-ligi u (c) illi s-socjeta kellha ragunijiet tajba u sufficjenti biex tittermina l-impjieg vis-a-vie il-prestazzjoni fuq ix-xoghol ta' l-istess rikorrent. Minn naha tieghu ir-rikorrent tenna li l-kumpanija temmet l-impjieg tieghu wara li skada z-zmien ta' prova ta' sitt (6) xhur béffett immedjat u bla raguni.

It-Tribunal ma laqghax l-ewwel raguni (a) tas-socjeta' ntimata. It-tieni raguni (b) u r-raguni migjuba mir-rikorrent, it-tnejn fuq iz-zmien ta' prova, huma fundamentali ghaliex jekk it-Tribunal jilqa wahda mill l-allegazzjonijiet il-kaz ikun bazikament maghluq. Jekk ma jigrix hekk it-Tribunal irid jikkunsidra r-raguni (c) tas-socjeta ntimata li tkun finali biex jaghlaq il-kaz.

Fit-30 ta' Settembru, 2010, is-socjeta ntimata kitbet lir-rikorrent li l-impjieg kien qed jigi tterminat b'effett immedjat. Jidher li din l-azzjoni ttiehdet skond il-ligi bin-nuqqas biss ikun li suppost is-socjeta kienet fid-dover li taghti gimgha notice. Fl-ittra s-socjeta ndikat li kienet se thallas dak kollu dovut lir-rikorrent.

Fit-30 ta' Settembru, 2010, wara li r-rikorrent ircieva l-ittra saret laqgha mal-General Manager tas-socjeta s-Sur Vincelli u wara li-ezitu ta' din il-laqgha Vincelli rega kiteb lir-rikorrent fl-4 ta' Ottubru, 2010 fejn irrefera ghal laqgha li saret fit-30 ta' Settembru 2010 u qallu li gie deciz li s-socjeta ntimata testendi z-zmien ta' prova bi tlett (3) xhur.

Fl-4 ta' Ottubru 2010, b'risposta r-rikorrent kiteb lil Vincelli fejn qallu li haseb hafna fuq il-laqgha li kellu mieghu fit-30 ta' Settembru 2010 u nnota bis-serjeta l-punti kollha li tkellmu fuqhom. Ir-rikorrent fl-ittra ammetta certu nuqqasijiet (Dok DV8). It-Tribunal qed jaghraf li din l-ittra hija prova ta' l-accettazzjoni ta' l-estenzjoni taz-zmien ta' prova mir-rikorrent.

Fl-istess gurnata, l-4 ta' Ottubru, 2010, Vincelli kiteb ukoll lis-Sur David Vella – Director Human Resources, biex johrog ittra bhala addendum ghal kuntratt rigward l-estenzjoni biz-zmien ta' prova bi tlett (3) xhur.

Fit-12 ta' Novembru, 2010, Vincelli kiteb ittra ta' terminazzjoni waqt iz-zmien ta' prova lir-rikorrent fejn is-socjeta taghat gimghatejn notice u kkonfermat il-hlasijiet relatati li gew mhallsa fit-30 ta' Novembru, 2010, bhala 'full and final settlement'. Is-socjeta' waqqfet lir-rikorrent wara li regghet evalwat il-prestazzjoni tieghu.

Il-ligi ndustrijali f'kaz ta' 'contract of service', fejn huma nvoluti haddiema teknici, f'pozizzjonijiet ezekkuttivi jew pozizzjonijiet amministrattivi u manigerjali u li l-pagi ta' dawn huma ta' l-inqas id-doppju tal-paga minima, iz-zmien ta' prova ghal dawn il-kategoriji huwa ta' sena massimu jekk ma jkunx specifikat li jkun inqas fil-kuntratt.

Iz-zmien ta' prova ma jistax jigi estiz mill massimu li tghid il-ligi (f'dan il-kaz aktar minn sena). Il-ligi tkompli li meta socjeta u haddiema jifthemu fuq perjodu ta' prova inqas dan il-perjodu jkun marbut bil-ligi u jista jigi estiz biss sal massimu kif stabbilit fil-ligi jekk iz-zewg partijiet jaqblu li jaghmlu dan.

It-Tribunal irdi jimxi mal-ligi u ghaldaqstant jidhirlu li f'dan il-kaz, mil-provi li ghandu dan it-Tribunal johrog car li l-proceduri wzati u l-azzjonijiet mehuda mis-socjeta kienu skond il-ligi kif gie spjegat. Dan kien impjieg li sewa ammont sostanzjali ta' flus lis-socjeta u t-Tribunal jaghraf li s-socjeta waslet ghat-terminazzjoni mhux b'kapricc izda b'serjeta u 'in bona fide'.

It-Tribunal ihoss li f'dan l-istadju m'ghandux ghalfejn jidhol fuq id-dettalji tal-prestazzjoni tar-rikorrent izda jaghraf li mill-provi, fil-pozizzjoni ta' fiducja li kien jokkupa r-rikorrent kien hemm ukoll ragunijiet serji bizzejjed biex l-impjieg jigi mitmum.

**<u>Decizjoni</u>**

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'mod specjali dawk li kkoncernaw iz-zmien ta' prova, it-Tribunal qieghed jiddecidi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrent kienet wahda gusta.

Ghal-finijiet tal-kap 452 tal-ligijet ta' Malta rigwardanti d-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja